**2 ta' Marzu, 1992**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

L-Onorevoli Prim Ministru

*versus*

L-Avukat Dottor Hugh Peralta *noe*

**Azzjoni ta' Jattanza – Persuni Assenti minn Malta**

*L-ewwel Qorti eżaminat l-implikazzjoni ta' l-art 403 li l-azzjoni ta' jattanza ma setgħetx tiġi proposta kontra persuna assenti.*

*Il-Qorti sabet illi minkejja li l-Avukat Peralta kien fiżikament f'Malta meta ġiet intavolata l-kawża u l-fatt li dan seta' jikkomunika mal-Mandanti tiegħu bl-akbar faċilità, ma kienx jirrendihom preżenti f'Malta.*

*Il-Qorti ta' l-Appell għalhekk ikkonfermat is-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ fis-sens illi l-azzjoni ta' Jattanza kienet improponibbli kontra l-konvenuti in kwantu assenti.*

Il-Qorti: – Ikkunsidrat:

Dan huwa appell ta' l-attur kontra s-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ tad-9 ta' Diċembru, 1991, liema sentenza qed tiġi sostanzjalment riprodotta hekk:

"Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni, li bih l-attur wara li ppremetta illi l-konvenut *nomine* b'ittra uffiċjali ppreżentata fir-reġistru tal-Qorti tal-Kummerċ u oħra ppreżentata fir-Reġistru tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-20 ta' Diċembru, 1990 interpella lill-attur jindennizzaw lill-konvenut *nomine* fis-somma ta' US$32,000,000 (tnejn u tletin miljun dollaru Amerikan) allegatament imħallsa lil Pan Amerikan *World Airways Inc.* in konnessjoni mat-telfa totali ta' l-ajruplan Boeing 747 121 (sebgħa erbgħa sebgħa, wieħed tnejn wieħed) marka ta' reġistrazzjoni N sebgħa, tlieta disgħa PA (N739 PA) *Serial number* wieħed disgħa sitta erbgħa sitta (19646) li ġrat ħdejn Lockerbie, Dumfrieshire, Scotland fil-wieħed u għoxrin (21) ta' Diċembru, elf disa' mija u tmienja u tmenin (1988);

Peress illi l-artikolu 403 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) jipprovdi illi:

"Meta f'atti ġudizzjarji...persuna tippretendi li għandha xi jedd, il-parti li trid teħles din il-pretenzjoni tista' fi żmien sena mill-istess pretenzjoni titlob b'ċitazzjoni, li jiġi mogħti żmien lil persuna li ppretendiet li għandha dak il-jedd, biex iġib 'il quddiem b'kawża dik il-pretenzjoni u, fin-nuqqas ta' dan, jiġi

lilha impedut li taġixxi qatt iżjed għal dik il-pretenzjoni";

Peress illi l-artikolu 404 ta' l-istess kodiċi jipprovdi li dak iż-żmien ma jistax ikun iżjed minn tliet xhur;

Peress illi l-attur irid jeħles mill-pretenzjonijiet tal-konvenut *nomine* li huma nfondati fid-dritt u fil-fatt; l-istess attur talab li din il-Qorti tagħti lill-konvenut *nomine* żmien, ta' mhux aktar minn tliet xhur, biex fih iġib 'il quddiem b'kawża dik il-pretenzjoni, u fin-nuqqas ta' dan tikkundannah li qatt iżjed jaġixxi għall-pretenzjoni fuq imsemmija;

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittri uffiċjali u rikorsi għall-ftuħ tar-reġistru relattivi ppreżentati mill-attur fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u fil-Qorti tal-Kummerċ fil-21 ta' Diċembru, 1990;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut *nomine* li biha eċċepixxa illi din il-qorti għandha tirrifjuta li takkorda d-domanda in virtù ta' l-artikolu 405 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

*Omissis;*

Ikkunsidrat:

Din il-kawża hija azzjoni ta' jattanza. Bis-saħħa tal-ġudizzju ta' jattanza persuna li trid teħles minn pretensjoni li ssir kontriha, titlob lill-Qorti li jingħata żmien qasir lill-pretendent ikkonċernat biex dan iġib 'il quddiem b'kawża dik il-pretensjoni. Jekk jonqos li jagħmel dan fiż-żmien mogħti allura l-Qorti timponi, fuq dak il-pretendenti, silenzju perpetwu, fis-sens li huwa ma jkunx jista' qatt iżjed jipproċedi dwar dik il-pretensjoni;

Il-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kapitolu 12), fl-artikolu 403 sa 415, isemmi diversi kondizzjonijiet u modalitajiet neċessarji biex titressaq, u titkompla azzjoni ta' jattanza;

Fost dawn il-kondizzjonijiet, dak li hu essenzjali li jiġi investigat għall-fini ta' din il-kawża huwa, preċiżament, l-artikolu 415 imsemmi fl-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenut *nomine*, liema artikolu jipprovdi hekk:

"L-azzjoni ta' jattanza ma tistax issir kontra persuni assenti u din lanqas ma tista' ssir jew titkompla kontra minuri jew persuni oħra inkapaċi li joqogħdu f'kawża";

Ta' min isemmi hawn li dana l-artikolu ma jinstabx fil-Liġijiet ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili emanti bl-Ordinanza No. IV ta' l-1854 u li daħlu in vigore fl-1 ta' Awissu 1855 bis-saħħa tal-Proklama No. VI sa l-1 ta' Mejju, 1855;

Difatti dana l-artikolu, illum 415, ġie miżjud bl-Ordinanza No. XV ta' l-1913. Bl-artikolu 93 tal-Kuruna ta' dak iż-żmien, Sir V. Frendo Azzopardi kien sejjer jipproproni l-abolizzjoni kompleta ta' l-Istitut tal-ġudizzju ta' jattanza billi ħafna kienu tal-fehma li dak l-istitut kien wieħed antikwat u pjuttost odjuż. Difatti l-istitut kien imur kontra l-prinċipju li ħadd ma għandu jiġi mġiegħel li jipproponi kawża kontra l-volontà tiegħu. Kien intiż biex jirrestrinġi t-terminu li normalment ikollu l-pretendent biex jipproponi l-pretensjoni tiegħu b'kawża għall-perijodu ferm qasir ta' ħmistax-il ġurnata u inoltre dan l-istitut kien jesponi lill-pretendent għall-possibilità ta' dekandenza assoluta mid-drittijiet tiegħu f'ċerti każi;

Biex wieħed japprofondixxi ftit l-isfond storiku tad-disposizzjoni msemmija, ta' min jiċċita dak li ngħad fis-seduta li nżammet fil-11 ta' Ġunju 1913 fil-Kunsill tal-Gvern:

*"The Crown Advocate stated that the Chapter which it was proposed to repeal by article 93, dealt with a special process known as the 'giudizio di iattanza', or action of vaunting. His proposal, supported by a good number of members of the profession, was to do away altogether with that special procedure as antiquated, but opinions differed as to whether that process, although antiquated, should be considered as obsolete or unneccessary or undesirable, or whether it might not be useful in certain cases for the protection of persons against whom a right was vaunted without any legal foundation, as the procedure afforded the person so attacked the means of speedily clearing himself or his property from the attacks of which he or his property were made the object. In order to reconcile these divergent opinions, it was proposed to give up the idea of doing away altogether with the special process in question, and to ammend the law so as to frustrate attemçts to abuse of its ways".* (ara ***Debates of the Council of Government of Malta,*** 1913 Vol. XXXVII Col. 27 u 28);

Illi fost l-emendi li l-Leġislatur Malti daħħal fl-1913, bl-iskop li jilliberalizza istitut tal-ġudizzju tal-jattanza hemm appuntu d-disposizzjoni li llum hija l-artikolu 415 tal-Kap. 12;

Ikkunsidrat:

Jekk wieħed janalizza dana l-artikolu, wieħed isib li fih hemm miġbura flimkien ċerti kategoriji ta' persuni, ċjoè, il-

persuni assenti, il-minuri u persuni oħra inkapaċi li joqogħdu f'kawża. Il-Leġislatur ried li kawża ta' jattanza ma ssirx kontra dawn in-nies, li għandhom ħaġa waħda komuni bejniethom, kollha kemm huma ma jistgħux joqgħodu personalment f'kawża skond il-liġi Proċedurali tagħna. L-assenti, għalkemm legalment kapaċi, irid ikun rappreżentat minn mandatarju jew kuratur *"ad litem"* biex joqgħod f'kawża l-minuri jrid ikun rappreżentant minn missieru, ommu, tutur jew kuratur u l-persuni inkapaċi, bħal persuni furjużi jew moħħom marid, iridu jkunu rappreżentanti minn kuratur;

X'kienett ir-raġuni li l-Leġistratur Malti ħass il-ħtieġa li jintroduċi l-artikolu 415? Il-Qorti tifhem li l-Leġistratur ried jiskansa lil dawn il-persuni minn kawżi ta' jattanza, billi kollha kienu dipendenti fuq xi ħadd ieħor biex ikollhom *"locus standi in judicio"*;

Il-Leġislatur deherlu li dan il-fatt kien jikkostitwixxi żvantaġġ enormi f'kawża ta' jattanza, billi kawża bħal din tista' tesponi lill-konvenut għal dekadenza definittiva mad-drittijiet tiegħu. Il-Leġislatur ħaseb li jesenta lil dawn il-persuni milli jiġu rinfaċċjati b'kawża ta' jattanza billi huma ma setgħux jidhru personalment biex jieħdu ħsieb l-interessi tagħhom u jiddefendu ruħhom fuq il-fatti kif jafuhom huma stess. B'hekk il-Leġislatur wera li ried jevita l-possibilità li l-assenti l-minuri u persuni inkapaċitati jisfaw irrimedjabilment ippreġudikati volontarjament jew involontarjament minn min jirrappreżentahom f'kawża ta' jattanza li, kif intqal, tista' twassal għad-dekandenza tad-drittijiet vantati;

Ikkunsidrat:

*Illi ma hux ozjuż li f'dana l-istadju jkun eżaminat* bir-reqqa s-sinifikat tal-kelma "assenti" kif hi wżata fil-Kodiċi Ċivili u fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

Din il-kelma "assenti" ordinarjament tfisser li persuna tkun tinsab f'xi pajjiż ieħor barra dawn il-Gżejjer;

Meta tintuża f'sens speċjali, din il-kelma "assenti" tindika l-istat inċert ta' persuna li tkun għebet minn dawn il-Gżejjer u ma jkun hemm ebda aħbar dwarha għal żmien twil, b'mod li ma jkunx magħruf jekk dik il-persuna mititx jew għadhiex ħajja. Dan is-sinifikat speċjali jinstab fit-Titolu VII ta' l-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16) fl-artikolu 193 sa 233, liema Titolu jġib l-intestatura **"Fuq il-persuni assenti"**;

Għall-fini ta' din il-kawża hu partikolarment rilevanti s-sinifikat li l-Leġislatur jagħti lill-kelma "assenti" kif użata f'dak it-titolu. *L-artikolu 193 jipprovdi hekk:*

"Dak illi ma baqax jidher f'Malta, mingħajr ma jkun hemm ebda aħbar tiegħu jitqies assenti għall-finijiet tad-disposizzjonijiet ta' dan it-Titolu";

Mit-tifsira li jagħti l-Leġislatur stess, jidher li intestatura aktar preċiża għal dan it-titolu setgħet kienet din:

"Fuq il-Persuni **Preżunti** Assenti";

*Dana l-artikolu huwa segwit minn disposizzjonijiet oħra* li bażikament jikkrejaw proċedura konsistenti fi tlett stadji;

Fl-ewwel stadju jiġi nnominat kuratur biex jamministra l-beni tal-presunt assenti, fit-tieni stajdu l-werrieta ta' l-assenti jitpoġġew fil-pussess **provviżorju** tal-beni ta' l-assenti, waqt li fit-tielet stadju ssir l-immissjoni fil-pussess **assolut jew definitiv** tal-beni ta' l-assenti. Bejn stadju u ieħor il-liġi tispeċifika n-numru ta' snin li jridu jgħaddu (ara art. 205 u 223) apparti elementi oħra li ma jinteressawx din il-kawża;

Dan il-ftit tagħrif qiegħed jingħata biex jintwera li l-Leġislatur f'dana l-istitut qiegħed jikkontempla l-każ ta' assenza ta' natura pjuttost twila, mifruxa fuq numru konsiderevoli ta' snin. Jidher ċar li l-istitut hu bbażat fuq il-presunzjoni ta' l-assenza fl-ewwel stadju u fuq il-presunzjoni tal-mewt fl-aħħar żewġ stadji;

Ikkunsidrat:

Illi wara li din il-Qorti għamlet il-konsiderazzjonijiet premessi, issa sejra tgħaddi biex tapplikahom għall-mertu ta' l-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenut *nomine*. Tibda qabel xejn biex tippuntwalizza dak li f'dana l-istadju qiegħed jiġi kkontestat f'din il-kawża;

Il-konvenut *nomine* jsostni li l-mandanti tiegħu huma kollha "assenti" għall-finijiet u effetti ta' l-artikolu 415 tal-Kap. 12 u għalhekk din il-kawża ta' jattanza ma setgħetx tiġi promossa kontra l-mandanti tiegħu;

Min-naħa l-oħra, l-attur isostni li minn eżami ta' l-artikolu 415, fl-isfond storiku, legali u razzjonali tiegħu, għandu jirriżulta li dana l-artikolu ma huwiex applikabbli għall-konvenuti odjerni.

L-attur isostni li dak l-artikolu *japplika* biss għall-assenti li jissemmew fl-artikolu 193 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16), jew għal di più għall-assenti li jissemmew fl-artikolu 929 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (Kap. 12). L-attur *jirritjeni l-artikolu 415 ma* japplikax għall-persuni assenti li jkollhom mandatarju hawn Malta billi dawn il-persuni huma għal kull fini tal-liġi preżenti f'Malta u jistgħu jaġixxu f'Malta permezz tal-mandataru jew prokuratur tagħhom daqs li kieku huma stess kienu f'Malta;

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti fliet bl-akbar reqqa s-sottomissjoni ta' l-attur li l-artikolu 415 kien ikun applikabbli għall-konvenuti odjerni biss li kieku huma kienu assenti fis-sens ta' l-artikolu 193 tal-Kodiċi Ċivili;

Bir-rispett kollu, din il-Qorti ma tistax tikkondividi din l-asserzjoni, billi fil-fehma konsiderata tagħha, meta l-Leġislatur qal fl-artikolu 415 li azzjoni ta' jattanza ma tistax issir kontra persuni assenti, huwa kellu l-ħsieb li jeżenta mhux biss lill-assenti fis-sens ta' l-artikolu 193 tal-Kap. 16 iżda wkoll kull xorta oħra ta' assenti skond it-tifsira ordinarja mogħtija lil din il-kelma;

Illi r-raġunijiet li wasslu lil din il-Qorti li tasal għal din il-konklużjoni huma s-segwenti:

(1) Illi kull meta jissemmew l-assenti fil-Kodiċijiet relattivi (ara per eżempju artikoli 504 (1), 512, 613 u 929 (a) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili; (Kap. 12) u artikoli 1598, 2122(a) 2130(2) tal-Kodiċi Ċivili, (Kap. 16) din il-kelma assenti jidher li għandha sinifikat ċar biżżejjed. Hekk ukoll fl-artikolu 415 tal-Kap. 12.

F'dawn iċ-ċirkostanzi l-ġudikant m'għandux għalfejn jirrikorri għal ebda interpretazzjoni ħlief dik litterali: Ebda argument kontort ma jista' jirrendi oskur (u kwindi possibbli għal interpretazzjoni) dak li fil-verità hu sempliċi u ċar;

(2) Fl-artikolu 415 il-Leġislatur isemmi l-"persuni assenti" u ma jiddistingwix bejn kategoriji ta' assenza. L-attur irid jirristrinġi s-sinifikat ta' din il-kelma fis-sens ta' l-art. 193. Però, tali interpretazzjoni ristrettiva ma' l-ispirtu ta' liberalità li l-Leġislatur ried jintroduċi fl-istitut tal-ġudizzju ta' jattanza fl-1931;

(3) Huwa bil-wisq improbabbli li l-Leġislatur ried jipproteġi biss lill-persuni li sparixxew fis-sens ta' l-artikolu 193 u ma riedx jipproteġi wkoll l-assenti l-oħra kollha, fis-sens ordinarju tal-kelma, meta hu evidenti li huma proprju n-nies f'din it-tieni kategorija li l-aktar setgħu jiġu rinfaċċjati b'kawża ta' jattanza u għalhekk kienu jinħtieġu l-aktar protezzjoni. Infatti wieħed jista' jkollu kull interess li jikkumbatti millantazzjoni li tiġi minn persuni li jkunu barra minn Malta, però ftit li xejn jista' jkollu interess li jikkumbatti millantazzjoni li tkun ġiet minn persuna li sussegwentement sparixxiet fis-sens ta' l-artikolu 193. F'dan it-tieni każ, il-probabilità hija li l-millantazzjoni titlef l-effikaċja tagħha u tisparixxi bħall-persuna li tkun għamlitha u għalhekk il-bżonn ta' kawża ta' jattanza jonqos ferm;

(4) Waħda mill-emendi liberali li għamel il-Leġislatur fl-1931 kienet li fejn qabel ma kien hemm ebda terminu impost għall-intavolar ta' kawża ta' jattanza issa ġie stabbilit li tali kawża kellha ssir entro sena mid-data li fiha ssir il-millantazzjoni:

Dan l-akkordjament sinifikanti taż-żmien imsemmi jirrendi aktar improbabbli l-interpretazzjoni ristrettiva invokata mill-attur billi l-istitut ta' l-assenza kontemplat fl-artikolu 193 *et seq*, tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16) ċertament ma jikkonċernax xi assenza temporanja jew qasira iżda invece jikkontempla assenza mifruxa fuq numru ta' snin;

(5) Fl-artikolu 193 fuq imsemmi espressament jingħad li l-persuni fih imsemmija jitqiesu assenti **għall-finijiet tad-disposizzjonijiet ta' dak it-titolu.** Mela "*espressis verbis*" dak l-artikolu m'huwiex applikabbli għall-artikolu 415, li jifforma parti minn Kodiċi ieħor, ċjoè l-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili (Kap. 12);

Li kieku l-Leġislatur ried jolqot biss lill-assenti msemmija fl-artikolu 193 il-Leġislatur kien jgħid hekk espressament;

(6) Meta l-Leġislatur ħass il-bżonn li jiddistingwi bejn id-diversi xorta ta' assenza, ċjoè l-assenti proprji u l-presunti assenti, huwa għamel hekk:

Infatti, l-artikolu 929 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (Kap. 12) (li jipprovdi għan-nomina ta' kuraturi "*ad litem*" għal ċerti tipi ta' persuni) fil-paragrafu (a) imsemmi "in-nies assenti... li ma jkunux rappresentati skond il-liġi" waqt li fil-paragrafu (b) isemmi persuni li ma jkunux magħrufa mejta, kategorija ta' nies li faċilment tista' tinkwadra ruħha fl-istitut tal-presunti assenti riferit fl-artikolu 193 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili;

Ikkunsidrat:

L-attur issottometta wkoll illi, għal più, l-artikolu 415 japplika biss għall-assenti msemmija fl-artikolu 929 tal-Kap. 12 ċjoè għal dawk l-assenti biss li ma jkunux appuntaw mandatarju biex jirrappreżentahom f'Malta;

Din il-Qorti ma tistax tikkondividi din l-opinjoni għaliex:

(a) Ladarba l-kliem ta' l-artikolu 415 huwa ċar biżżejjed ma hemmx bżonn ta' ebda interpretazzjoni u għalhekk il-frażi "persuni assenti" għandha tinftiehem fis-sens letterali, ordinarju u wiesa' tagħha;

(b) Ladarba l-Leġislatur ma kkwalifika bl-ebda mod il-frażi "persuni assenti", allura d-distinzjoni nvokata mill-attur ma hijiex aċċettabbli u trid tiġi skartata għaliex *"ubi lex non distinguit nec nos dintinguere debemus"*;

(ċ) **Kieku** kien il-każ li l-kliem ta' l-artikolu 415 ma kienx ċar u kien hemm bżonn ta' interpretazzjoni, wieħed ma jistax verosimilment jaddotta interpretazzjoni ristrettiva (kif irid l-attur) billi dan it-tip ta' interpretazzjoni ma hijiex attenenti u konformi mal-ħsieb liberali tal-Leġislatur meħud fl-isfond storiku tiegħu;

(d) **Kieku** l-Leġislatur ried li ssir distinazzjoni bejn assenti rappreżentanti minn mandatarju u oħrajn li mhumiex hekk rappreżentati, kieku l-Leġislatur kien jieħu ħsieb idaħħal din id-distinzjoni fl-artikolu 415: *"ubi voluit dixit"*;

(e) L-unika distinzjoni li tista' tiġi verosimilment inferita mill-kliem użat fl-artikolu 415 hija dik li mentri fil-każ ta' l-assenti l-Leġislatur sempliċement ipprovda li l-kawża ta' jattanza ma

tistax **tinbeda** fil-każ *ta' minuri* u *ta' persuni* oħra inkapaċitati l-Leġislatur ipprovda, li kawża simili **la tista' tinbeda u lanqas titkompla.** Jidher għalhekk li kawża ta' jattanza mibdija kontra persuna preżenti f'Malta **tista' titkompla** kontra konvenut li fil-mori tal-kawża jsiefer, billi jiġu leġittimati l-atti f'isem mandatarju jew kuratur "*ad litem*". Anke f'dan il-każ, id-distinzjoni arbitrarjament voluta mill-attur hija għal kollox irrilevanti;

Ikkunsidrat:

Illi d-difensur ta' l-attur spiċċa n-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu b'din is-sottomissjoni:

"Fil-każ ta' persuna **assenti minn Malta u rappreżentata minn mandatarju** d-dritt ta' azzjoni ta' dik il-persuna kif rappreżentata mhix dipendenti minn ħadd. L-1913 kien diġà fl-era ta' posta ċelera u telegrafija u l-mandatarju ... seta' ġà jikkomunika fi żminijiet raġonevoli mal-mandatarju. Illum fi żmien it-telex u s-satelliti dan jista' aktar u aktar isir. Persuna rappreżentata b'mandatarju li ġa adixxiet il-ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti, hi preżenti għall-finijiet kollha ta' l-artikolu 415 u hi għall-finijiet tal-Liġi la assenti, la imbeċilli u lanqas minuri";

Din il-Qorti ma tistax ma tifhemx il-preokupazzjoni li wera l-attur meta ġie rinfaċċjat bi pretensjoni tant gravi u serja li hu jqis bħala nfondata fil-fatt u fid-dritt;

Tifhem ukoll il-preokupazzjoni ta' l-attur li jagħmel minn kollox biex jipprova jeħles minn dil il-millantazzjoni malajr kemm jista jkun, biex jimminimizza d-danni derivanti mill-istess

millantazzjoni;

Għalhekk din il-Qorti ma tistax ma tapprezzax il-kontenut tas-sottomissjoni ta' l-attur ċitata fil-paragrafu preċedenti, li ***de lege condenda*** hemm ħafna xi tgħid favurha;

Però, id-dover ta' din il-Qorti hu li tapplika l-Liġijiet kif inhuma u ċertament ma tistax tbiddilhom jew taddottahom għaż-żminijiet tal-lum billi għall-bżonn, tinterpreta disposizzjonijiet ċari b'mod snaturat;

Ikkunsidrat:

Fil-fehma tal-Qorti l-fatt li Dottor Peralta kien fiżikament f'Malta meta ġiet intavolata din il-kawża u l-fatt li Dottor Peralta jista' jikkomunika bl-aktar mod faċli mal-konvenuti assenti, ma jirrendux lill-mandanti tiegħu wkoll preżenti f'Malta għall-finijiet u effetti ta' l-artikolu 415 Kap. 12. Din il-kawża mhix qiegħda ssir kontra Dottor Peralta, iżda qiegħda ssir esklusivament kontra l-persuni li hu jirrappreżenta u li mhux kontestat li kollha jinsabu fiżikament barra dawn il-Gżejjer;

Għalhekk skond il-kliem ċar ta' l-artikolu 415 Kap. 12 l-azzjoni odjerna ta' jattanza ma setgħetx issir kontra tagħhom, u hemm lok li l-eċċezzjoni ulterjuri tintlaqa';

Għal dawn il-motivi:

Tiddeċidi billi tilqa' l-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenut *nomine* u konsegwentement tillibera lill-konvenuti kollha mill-osservanza tal-ġudizzju;

L-ispejjeż konnessi mad-deċiżjoni *ta'* din il-*Qorti mogħtija* fid-29 ta' April 1991 ikunu a kariku tal-konvenut ma' din id-deċiżjoni jibqgħu bla taxxa bejn il-kontendenti, (minħabba n-novità tal-kwistjoni dibattuta)'';

L-oġġezzjoni ta' l-appellant hija bbażata fuq l-interpretazzjoni ampja u liberali li allegatament l-ewwel qorti tat ta' l-art. 415 Kap. 12 – (ġà kkwotat fis-sentenza appellata) *meta* l-interpretazzjoni għandha tkun ristretta u dejqa peress illi dak li mhux ċar illi l-leġislatur ried jirristrinġi għandu jitqies li jista' jsir kif kien jista' jisr **qabel l-1913;**

Fuq dan l-ewwel punt ta' l-aggravju, l-ebda teorija ta' interpretazzjoni ma tawtorizza lill-ġudikant li jinjora kompletament emenda ta' artikolu ta' liġi espressa. L-appellant jippretendi li l-emenda ta' l-1913 kienet intiża li telimina l-abbużi li kienu qed isiru mill-istitut ta' l-azzjoni ta' jattanza u dan flok l-abrogazzjoni totali ta' l-istitut;

Il-pretensjoni hija li l-assenti li kontra tagħhom ma tistax tiġi proposta l-azzjoni ta' jattanza, huma dawk li m'għandhomx mandatarji preżenti f'Malta, u l-petizzjoni tgħid:

''Persuna rappreżentata ... ma taqax taħt ir-*ratio legis* li induċiet il-leġislatur jipprojbixxi jattanza kontra minuri u inkapaċi oħra;''

Imma din l-impostazzjoni tisvojta l-artikolu 415 minn kwalunkwe sens u minn kwalunkwe possibilità ta' applikazzjoni. L-artikolu msemmi jeżenta (a) il-minuri, (b) il-persuni oħra inkapaċi u (ċ) l-assenti. Issa jekk kemm-il darba l-kriterju ta'

l-eskluzzjoni jipsiċċa għaliex l-assenti jqabbad mandatarju għandu japplika wkoll biex l-istess eskluzzjoni tispiċċa għaż-żewġ kategoriji l-oħra wkoll għaliex il-minuri dejjem huwa rappreżentat jew mill-missier, l-omm, kuratur jew tutur, u l-persuna inkapaċi mill-kuratur;

Kemm dik l-impostazzjoni hija inaċċettabbli hija wkoll illustrata mill-konsiderazzjoni, illi l-milantazzjoni meta ssir minn minuri jew minn persuna inkapaċi trid issir bilfors mill-persuni li jirrappreżentawhom għaliex altrimenti kwalunkwe att li jagħmlu huma huwa minnu nnifsu, null u invalidu u ma jistax għalhekk iservi għall-azzjoni ta' jattanza. M'huwiex possibbli għalhekk li fl-artikolu 415, "persuni assenti" tinftiehem bħala "persuni assenti li m'għandhomx mandatarju f'dawn il-Gżejjer" mingħajr sforzatura verament qawwija li ma hija ġustifikata b'ebda mod;

Għall-bqija din il-Qorti jidhrilha li s-sentenza appellata hija essenzjalment tajba u eżaminat eżawrjentement il-possibilitajiet interpretattivi ta' l-artikolu 415 u ma hemm xejn aktar li din il-Qorti għandha bżonn iżżid, ħlief dak li ntqal qabel b'risposta għal dak li hemm fil-petizzjoni ta' l-appell – liema appell huwa miċħud u s-sentenza appellata kkonfermata;

Spejjeż għall-appellanti.